MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2005

Appell Civili Numru. 1386/2001/1

**Calibre Industries Ltd**
**v.**
**Muscat Motors Limited**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni presentata quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Lulju 2001 is-socjeta` attrici ppremettiet illi hija giet appaltata mis-socjeta` konvenuta biex tissuplixxi u tinstalla certi xogholijiet fix-showroom tas-socjeta` konvenuta; illi ghax-xogholijiet hekk kommissjonati lis-socjeta` attrici u minnha esegwiti l-istess socjeta` attrici baqala tircievi s-somma komplessiva ta' ghoxrin elf erba'

mija u hamsa u disghin lira Maltija u tmienja u sebghin centezimu (LM20,495.78); illi nonostante li giet interpellata anke ufficjalment l-istess socjeta` konvenuta baqghat inadempjenti; kien ghalhekk li s-socjeta` attrici talbet li dik il-Qorti:-

1. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma bilancjali ta' ghoxrin elf erba' mija u hamsa u disghin lira Maltija u tmienja u sebghin centezimu (LM20,495.78) ghax-xoghol ta' appalt kommissjonat mis-socjeta` konvenuta lis-socjeta` attrici u minn din ta' l-ahhar ezegwit fis-showroom tal-istess socjeta konvenuta.

Bl-interessi u bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-8 ta' Gunju 2001 kontra s-socjeta` konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

B'nota pprezentata fit-30 ta' Ottubru, 2001 is-socjeta` konvenuta eccepiet:-

1. In-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' dik il-Qorti stante li l-partijiet kienu ftehmu li f'kaz ta' disgwid ghandhom imorru arbitragg (klawsola numru 53 tal-ftehim li kopja tieghu giet annessa man-nota tal-eccezzjonijiet bhala Dok. A.)
2. Illi bla pregudizzju t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt peress li s-socjeta` esponenti m'ghandha taghti xejn lis-socjeta` attrici u dan fost ragunijiet ohra peress illi l-penali dovuti mis-socjeta` attrici lil dik esponenti skond il-ftehim bejn il-partijiet talli x-xoghol sar tardivament jeccedu l-ammont mitlub fic-citazzjoni.
3. Bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, ix-xogholijiet ma sarux skond is-sengha u l-arti u ghalhekk mhux dovut l-ammont mitlub mis-socjeta` attrici.

**Is-sentenza appellata.**

B'sentenza parzjali moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' Lulju, 2004 dik il-Qorti cahdet l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta u ordnat li l-kawza titkompla – bl-ispejjes rizervati ghall-gudizzju finali u dana wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:-

"Illi l-Qorti trid tiddeciedi ghandhiex gurisdizzjoni minhabba li fil-kuntratt li ta' lok ghall-kawzi fl-artikolu 53 ipprovda illi;

*““Any dispute in respect of which an amicable settlement after a disputes (sic) has not been reached shall be finally settled by arbitration in Malta by a panel of arbitrators, one nominated by the parties and a third by the other arbitrators.”*

“Din il-Qorti kellha ricentement okkazzjoni tippronunzja ruhha fil-mertu fil-kawza fl-ismijiet Marco Attard vs SMS Insurance Agency (deciza in parte fl-20 ta’ Frar 2004). F’din il-kawza il-Qorti kienet ikkonkludiet illi:-

*““Dan il-kaz ghandhu aspetti partikolari ghaliex il-konvenuti ….. qed jeccepixxu ukoll li l-polza hija nulla fis-sens li ma humiex obligati li jirrimborzawh. …. Barra minn hekk ….. jidher li ma irrispondewx ghall-ittra ufficjali tal-attur illi giet prezentata qabel il-kawza. Ghalhekk kif argumentat fis-sentenza Gatt vs Facchetti (Qorti tal-Appell 10 ta’ Ottubru 2003) ….. billi arbitragg ma jistx imur wiehed wahdu dan il-fatt wahdu ghandhu jispingi l-Qorti biex tichad l-ewwel eccezzjoni. Lanqas hu gust li wiehed joqghod jistenna li jigi imharrek biex imbaghad jiftakar li seta’ invoka arbitragg meta l-attur ghamel it-talba tieghu lill-konvenuti.”*

“Ghandu jinghad li hemm sentenzi fejn din l-eccezzjoni giet akkolta (ara per esempju Laferla vs Mizzi Appell – 1964 fejn il-konvenut (dipartiment tal-Gvern) kien eccepixxa li l-kuntratt in kwistjoni kien jipprovdi li f’kaz ta’ nuqqas ta’ qbil il-konvenut stess kellhu d-dritt illi jirriferi l-kaz lill-Bord kostitwiti apposta. L-istess ghamel il-Qorti ta’ l-Appell fis-sentenza moghtija fil-5 ta’ Gunju 1985 fil-kawza fl-ismijiet Casha vs Mizzi. Sentenzi iktar recenti pero` iddecidew mod iehor minhabba c-cirkostanzi tal-kaz. Per esempju fil-kawza fl-ismijiet Ellul vs Bowman (28 ta’ April 1993) il-Qorti tal-Kummerc cahdet l-eccezzjoni ghaliex fil-fehma taghha l-hekk imsejjha *proper law* tal-kuntratt kienet dik Maltija.

“Il-kawza fuq imsemmija Gatt vs Facchetti giet deciza favorevolment ghall-attur ghaliex il-Qorti dehrilha li l-konvenut ma kienx ta’ kaz ghall-interpellazzjonijiet tal-attur

li allura ma kellu ebda alternattiva ohra hlief li jiftah il-kawza.

"Fil-kaz odjern is-socjeta` attrici esebit zewg dokumenti a fol 82 u 83 tal-process li minnhom jidher illi hija interpellat lis-socjeta` konvenuta permezz ta' faxes datati 25 ta' Mejju 2001 u 9 ta' April tal-istess sena biex jinbdew il-proceduri ghall- arbitragg. Jidher li s-socjeta` konvenuta naqset illi tirrispondi u l-kawza giet intavolata fis-27 ta' Lulju tal-istess sena. Ghalkemm mid-deposizzjonijiet jidher li saru xi laqghat, is-socjeta` konvenuta ma resqet ebda prova illi in effetti ghamlet xi haga biex tibda l-proceduri tal-arbitragg. Hu minnu li l-atturi fid-dokumentazzjoni taghhom ma ipprovawx illi per esempju innominaw l-arbitru da parti taghhom izda wiehed kien jistenna illi almenu il-konvenuti juru xi forma ta' kollaborazzjoni biex isir l-arbitragg. Kif hu maghruf, arbitragg ma jistax isir jekk iz-zewg partijiet ma jikkollaborawx ghall-esekuzzjoni tieghu u kwindi l-atturi wahedhom zgur ma setghux jaghmlu dan u fil-fehma tal-Qorti ma setghux jaghmlu haga ohra hlief jistitwixxu l-kawza fejn allura l-konvenuti kellhom bil-fors jrrispondu."

**L-appell tas-socjeta` konvenuta.**

Is-socjeta` konvenuta hasset ruhha aggravata bis-sentenza preliminari fuq imsemmija u ghalhekk permezz ta' rikors prezentat fid-9 ta' Lulju, 2004 talbet li tinghata l-fakolta li tinterponi appell lil din il-Qorti. B'digriet moghti fit-22 ta' Lulju, 2004 din it-talba giet akkordata u r-rikors ta' l-appell gie prezentat fis-26 Lulju, 2004 fejn l-istess socjeta` appellanti talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, tigi revokata s-sentenza fuq imsemmija billi tigi milqugha l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` appellanti u b'hekk tillibera lill-istess socjeta` mill-osservanza tal-gudizzju stante nuqqas ta' gurisdizzjoni.

Fir-risposta taghha s-socjeta` attrici appellata irrilevat li s-sentenza appellata hija gusta u li ghalhekk, u anke ghar-ragunijiet hemm moghtija, timmerita li tigi konfermata.

L-aggravju tas-socjeta` appellanti huwa fis-sens li l-Prim'Awla tal-Qorti Civili kienet skorretta meta cahdet l-eccezzjoni preliminari dwar nuqqas ta' gurisdizzjoni tal-Qorti stante li l-partijiet kienu ftehmu li f'kaz ta' disgwid ghandhom imorru arbitragg. F'dan ir-rigward gie sottomess:-

a) Illi l-konkluzzjoni tal-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza **Gatt vs Facchetti,** li fuqha strahet l-ewwel qorti, ma kinitx relevanti ghal-kaz odjern billi c-cirkostanzi kienu differenti.

b) Illi t-talbiet tas-socjeta` attrici dwar l-arbitragg ma gewx injorati u fi kwalunkwe kaz kien ghad hemm diskussjonijiet.

c) Illi n-nuqqas ta' twegiba ma tista` qatt tigi kunsidrata bhala rinunzja tacita ghad-dritt tal-arbitragg.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti.**

Fl-ewwel aggravju tas-socjeta` appellanti qed jigi sottomess li l-ewwel qorti ibbazat l-konkluzzjonijiet taghha fuq il-kaz ta' Gatt vs Facchetti deciz minn din il-Qorti fl-10 ta' Ottubru, 2003 meta, skond is-socjeta` appellanti, ma hux relevanti ghal kaz odjern billi d-dicitura tal-klawsola arbitrali u c-cirkostanzi tal-kaz kienu differenti.

Din il-Qorti, wara li ezaminat l-atti u l-provi kollha prodotti kif ukoll is-sentenza appellata, ma tistax taqbel ma din is-sottomissjoni. Infatti l-ewwel qorti ghamlet referenza ghal diversi pronunzjament in materja minn fejn jirrizulta li l-principju tal-eskluzzjoni tal-gurisdizzjoni tal-qrati ordinarji huwa benn accettat u rispettat inkwantu dan huwa espressjoni tal-volonta` tal-kontraenti li ghal kull fini u effett tal-ligi jammonta ghal-ligi bejn l-istess partijiet. B'dana kollu jkun hemm cirkostanzi meta, bl-agir ta' parti, id-dritt tal-parti l-ohra li tottieni sodisfazzjon ghall-pretensjonijiet taghha permezz tal-intervent tal-arbitri skond ma jkun provdut fil-kuntratt, jigi stultifikat. F'dawn ic-cirkostanzi l-Qrati dejjem sostnew li l-parti interessata ghandha dritt li tirrikorri lill-Qorti.

Fil-kaz in ezami l-ewwel qorti irrilevat li ghalkemm il-partijiet, fil-klawsola 53 tal-kuntratt ta' l-appalt, kienu

stipulaw li "*Any dispute ……shall be finally settled by arbitration…..*" irrizulta bl-aktar mod car li ghalkemm kien hemm kontroversja bejn il-kontraenti s-socjeta` konvenuta naqset li tirrispetta x-xewqa tas-socjeta` attrici li kull pendenza tigi deciza bl-intervent ta' persuni indipendenti kif titlob il-klawsola imsemmija. Infatti jidher li minkejja zewg faxes u ittra ufficjali mibghuta mill-istess socjeta` attrici, is-socjeta` konvenuta la wiegbet u lanqas ma jirrizulta li ghamlet xejn biex il-proceduri ta' arbitragg jinbdew. F'dan il-kuntest din il-Qorti tosserva wkoll li l-obbligu li wiehed jirrikorri ghall-procedura ta' arbitragg meta jinqala disgwid qieghed fuq iz-zewg partijiet u ghalhekk meta s-socjeta` attrici kitbet lis-socjeta` konvenuta fis-6 ta' April, 2001 (fol. 91), fejn ssottolineat il-punti ta' divergenza, u dan wara laqgha li kienet saret bejn il-partijiet interessati fit-2 ta' April ta' l-istess sena, kien jinkombi ukoll fuq is-socjeta` konvenuta li tibda hi stess proceduri ta' arbitragg biex il-vertenza tigi solvuta. Izda ghal darb ohra jidher li s-socjeta` konvenuta injorat kompletament din l-ittra.

Il-kaz ta' Gatt vs Facchetti ma giex invokat mill-ewwel qorti bhala bazi tas-sentenza taghha izda biex isahhah l-argument tal-istess qorti li l-inattivita` tal-parti wara interpellazzjonijiet ghandu jwassal ghac-cahda tal-eccezzjoni. Dan l-aggravju ghalhekk mhux gustifikat.

Dwar it-tieni aggravju ssir riferenza ghal dak li inghad fir-rigward ta' l-ewwel aggravju billi jirrizulta ampjament li s-socjeta` konvenuta naqset li tirreagixxi sew ghal punti ta' divergenza li gew sollevati mis-socjeta` attrici, u izjed u izjed naqset li tipprocedi bl-arbitragg meta, fl-ittra ossia fax tad-9 ta' April, 2001, giet moghtija ultimatum meta intqal li "*In case the above fail to materialize,* (u dan b'referenza ghat-talba ghall-hlas tal-bilanc u soluzzjoni tal-pendenzi) *we have no choice but to apply clause 53 of the contract as from today week, that is Monday, April 16, 2001.*" Gia la darba l-klawsola imsemmija giet invokata mis-socjeta` attrici huwa ghal kollox irrilevanti jekk sussegwenti ghal dan baqghu jsiru xi diskussjonijiet, ghalkemm anke dwar dawn ma tressqet ebda prova konkluzziva.

Dwar l-ahhar aggravju, li huwa intimament marbut ma l-ewwel zewg aggravji, jinghad li huwa minnu li rinunzja ghall-klawsola arbitrali, bhal kull parti tal-ftehim li jkunu kkonkordaw il-partijiet, trid tkun cara u inekwivoka, biss din il-Qorti jidhrilha li tali rinunzja mhux necessarjament tkun espressa izda tista` tkun anke tacita u fic-cirkostanzi tal-kaz, kif hawn fuq esposti, jirrizulta li s-socjeta` konvenuta qatt ma kellha l-intenzjoni li tonora l-obbligi assunti fil-klawsola 53 tal-kuntratt ta' appalt.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tas-socjeta` konvenuta qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata bl-ispejjes ta' din l-istanza kontra s-socjeta` konvenuta appellanti. Il-Qorti ghalhekk tordna li l-atti tal-kawza jergaw jintbghatu quddiem l-ewwel qorti ghall-prosegwiment tal-kaz skond il-ligi u eventwali decizjoni finali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------